# LOMBARD BANK JIRRAPORTA QLIEGĦ QABEL IT-TAXXA TA' Lm2.54 MILJUN

Lombard Bank Malta p.l.c. għamel qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm2.54 miljuni, żieda ta' 18% fuq l-2003. Dawn il-figuri joħorġu mill-kontijiet tal-Lombard Bank u s-sussidjarji tiegħu li ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi li ltaqa llum fil-Belt Valletta u li jkopru s-snea li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2004.

Il-Bank żied id-dħul tiegħu minn-*Net Interest* għal Lm3.67 miljuni filwaqt li l-ispejjeż amministrattivi ta' Lm1.93 miljuni kienu dovuti għal spejjeż antiċipati ta' salarji. F'livell ta' 43.2%, il-*Cost/Income Ratio* jitqis tajjeb ħafna mal-49.3% tas-sena l-oħra, u dan minkejja l-isfidi fl-*economies of scale* li jiffaċċja l-Bank.

Is-self lill-klijenti żdied b'20% għal Lm69.1 miljuni li turi żieda qawwija f'din l-attività. L-attenzjoni kontinwa fuq il-kwalità tas-self li jagħti l-Bank wasslet sabiex in-*net impairment losses* fuq is-self tnaqqas bi 28%.

Ibbażat fuq qliegħ ta' qabel it-taxxa ta' Lm1.56 miljuni għal din is-sena finanzjarja (2003: Lm1.39 miljuni), il-qliegħ għall-kull sehem jammonta għal 38 ċenteżmi (2003: 34.7 ċenteżmi). Il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu b' 14% għal Lm13.3 miljuni. Id-dħul fuq il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu minn 19.8% għal 20.4%. L-assi totali jammontaw għal Lm183 miljuni.

Il-Bord tad-Diretturi qiegħed jipproponi lill-Laqgħa Ìenerali Annwali li għandu jitħallas dividend finali ta' 15 il-ċenteżmu kull sehem. Bħal fis-snin preċedenti, il-Bord ser jirrakomanda wkoll li l-azzjonisti jkunu jistgħu jagħżlu jekk jieħdux id-dividend fi flus, jew permezz tal-ħruġ ta' aktar ishma f'isimhom. Skond il-policy tal-Bank, il-prezz li bih isir il-kalkolu ta' kemm il-sehem wieħed ikun se jirċievi se jkun dak medju tas-suq għat-3 xhur sad-data tas-17 ta' Frar 2005. Jekk dan jiġi approvat fil-Laqgħa Ìeneral Annwali, id-dividend jitħallas lill-azzjonisti kollha reġistrati fit-28 ta' Frar, 2005.

Il-Bord tad-Diretturi jinnota li t-tisħiħ fir-riżultati għas-sena 2004, li kienu l-aħjar s'issa, ikomplu jsaħħu l-pedamenti tan-negozju tal-Bank. Bl-impenn ta' l-impjegati, il-lealta tal-klijenti u bis-sostenn ta' l-azzjonisti tiegħu, il-Bank huwa ppożizzjonat tajjeb sabiex jilqa' l-isfidi fil-futur.